A.L. 90 ta' l-2008

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENTI TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet Ġenerali (Restrizzjoni ta' Aċċess)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għal Żvilupp Urban u Toroq, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet Ġenerali (Restrizzjoni ta' Aċċess), u għandhom jibdew iseħħu fit-8 ta' Marzu, 2008.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma' teħtieġx xort'oħra –

"Kummissjonarju Elettorali Prinċipali" tinkludi kull uffiċjal ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali awtorizzat kif imiss mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali biex jaġixxi f'ismu;

"Kummissarju tal-Pulizija" tinkludi kull uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta awtorizzat kif imiss mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaġixxi f'ismu;

"post tal-votazzjoni" tfisser post fejn tkun se ssir il-votazzjoni u li hu mniżżel fl-Iskeda pubblikat mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Frar, 2008;

"vettura" tfisser vettura, kemm immexxija b'forza mekkanika kemm xort'oħra, u kull vettura miġbuda minn annimal;

"votazzjoni" tfisser il-votazzjoni li ser issir fit-8 ta' Marzu, 2008 għall-elezzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Vetturi projbiti li jkollhom aċċess għas-Sala ta' l-Għadd u għall-postijiet tal-votazzjoni.

3. Kemm-il darba ma' tkunx awtorizzata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali, ebda vettura ma' jkollha aċċess għal xi triq li twassal għas-Sala ta' l-Għadd fin-Naxxar, jew għal xi post tal-votazzjoni u ebda vettura ma' għandha tgħaddi minn

post fejn ikun hemm sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX - NO ENTRY" jew taqbeż xi barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-Pulizija f'xi post qrib l-imsemmija Sala ta' l-Għadd jew l-imsemmija postijiet tal-votazzjoni mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 8 ta' Marzu, 2008, sa –

(a) il-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni fil-każ tas-sala ta' l-Għadd tal-Voti fin-Naxxar, u

(b) s-2.00 a.m. tal-Ħadd, 9 ta' Marzu, 2008 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni.

Projbizzjoni temporanja ta' mgħodija.

4. It-traffiku matul Triq il-Markiż Scicluna, Triq Torri Gauci u Triq Torri tal-Kaptan, Naxxar, ikun sospiż mid-9.00 p.m. tat-8 ta' Marzu, 2008 sakemm ikun meħtieġ. Jitħallew jgħaddu biss il-vetturi debitament awtorizzati mill-Kummissjoni Elettorali għall-ġarr tal-kaxxi tal-voti, kif ukoll vetturi oħra li jġorru l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali u uffiċjali oħra tal-Kummissjoni Elettorali, kif ukoll kull persuna awtorizzata kif imiss mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali.

Restrizzjoni għal *pedestrians*.

5. Ebda *pedestrian* ma' għandu, kemm-il darba ma' jkollux permess maħruġ lilu mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali jew kemm-il darba ma' jkunx xort'oħra awtorizzat mill-imsemmi Kummissjonarju jew mill-Kummissarju tal-Pulizija, jgħaddi jew jidħol 'il ġewwa minn sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX - NO ENTRY", barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-Pulizija f'xi post qrib is-Sala ta' l-Għadd fin-Naxxar, jew xi post tal-votazzjoni, mill-5.00 a.m. tas-Sibt 8 ta' Marzu, 2008, sa -

(a) il-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni fil-każ tas-sala ta' l-Għadd tal-Voti fin-Naxxar, u

(b) s-2.00a.m. tal-Ħadd, 9 ta' Marzu, 2008 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni,

hekk li r-restrizzjoni indikata fil-paragrafu (b) m'għandiex tapplika għal persuni li jkollhom dokument ta' votazzjoni li jagħtihom dritt li jivvotaw f'dak il-post tal-votazzjoni partikolari u waqt li dawk il-persuni jkunu sejrin lejn dak il-post tal-votazzjoni biex jivvotaw jew ikunu ġejjin lura minnu wara li jkun ivvutaw.

Projbizzjoni ta' ipparkjar ta' vetturi.

6. Ebda vettura ma' għandha tiġi pparkjata qrib toroq li jwasslu għas-Sala ta' l-Għadd tal-Voti fin-Naxxar jew xi post tal-votazzjoni 'l ġewwa minn sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX - NO ENTRY", barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-

Pulizija f'xi post qrib l-imsemmija Sala ta' l-Għadd jew l-imsemmija postijiet tal-votazzjoni mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 8 ta' Marzu, 2008, sa -

(a) il-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni fil-każ tas-sala ta' l-Għadd tal-Voti fin-Naxxar, u

(b) s-2.00 a.m. tal-Ħadd, 9 ta' Marzu, 2008 fil-każ ta'kull post tal-votazzjoni.

Projbizzjoni ta' tnikkir. Kap. 354.

7. Salvi d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 64 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jipprojbixxi lil kull persuna milli toqgħod titnikker qrib toroq li jwasslu għas-Sala ta' l-Għadd tal-Voti fin-Naxxar, jew xi post tal-votazzjoni x'imkien li jkun 'il ġewwa minn sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX - NO ENTRY", barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħeda mill-Pulizija f'xi post qrib l-imsemmija Sala ta' l-Għadd jew l-imsemmija postijiet tal-votazzjoni mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 8 ta' Marzu, 2008, sa –

(a) il-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni fil-każ tas-sala ta' l-Għadd tal-Voti fin-Naxxar, u

(b) s-2.00 a.m. tal-Ħadd, 9 ta' Marzu, 2008 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni.

Żmien ta' seħħ u riserva.

8. Dawn ir-regolamenti għandhom jintemmu mal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni, iżda t-tmiem tagħhom ma' għandu jolqot ebda ħaġa li tkun saret jew li tkun naqset milli ssir, jew kull proċediment imwettaq jew li jkun se jitwettaq bis-saħħa tagħhom.